Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,406, 15 ta' Mejju, 2020
Taqsima B

A.L. 195 tal-2020

ATT DWAR POTERI LI JSIRU REGOLAMENTI FL-INTERESS NAZZJONALI (KAP. 365)

Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll fl-Esportazzjoni ta' Tagħmir Militari

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3(3) tal-Att dwar Poteri li jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali, il-Prim Ministru, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll fl-Esportazzjoni ta' Tagħmir Militari, u dawn għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Kontroll fl-Esportazzjoni ta' Tagħmir Militari, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 365.13.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti hu li jittrasponi d-disposizzjonijiet relevanti tad-Direttiva (UE) 2017/853 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (1) tiegħu, minnufih qabel it-tifsira "Att" għandha tiġi miżjuda din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "arma tan-nar" tfisser kwalunkwe arma bil-kanna li tista' tinġarr, li tispara, li hija mfassla biex tispara jew li tista' tiġi konvertita biex tispara tir, balla jew projettili permezz tal-azzjoni ta' propellant kombustibbli, sakemm ma tkunx eskluża minn dik it-tifsira minħabba xi waħda (1) mir-raġunijiet elenkati fit-Taqsima III tal-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/447/KEE tat-18 ta' Ġunju 1991 dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi. L-armi tan-nar huma klassifikati fit-Taqsima II tal-Anness I.

Oġġett għandu jitqies bħala kapaċi li jiġi konvertit biex jispara tir, balla jew projettili bl-azzjoni ta' propellant kombustibbli jekk:

(a) għandu l-apparenza ta' arma tan-nar; u

(b) bħala riżultat tal-kostruzzjoni tiegħu jew tal-materjal li jkun magħmul minnu, jkun jista' jiġi hekk konvertit;"; u

(b) fis-subregolament (1) tiegħu, minnufih wara t-tifsira " "importazzjoni" u "esportazzjoni" " għandha tiġi miżjuda din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "komponent essenzjali" tfisser il-kanna, il-qafas, ir-riċevitur, inklużi r-riċevituri ta' fuq kif ukoll ta' taħt, fejn xieraq, is-slajd, iċ-ċilindru, il-firroll jew il-blokka tal-kulatta, li, billi huma oġġetti separati, huma inklużi fil-kategorija tal-armi tan-nar li jiġu mmuntati fuqhom jew huma maħsuba li jiġu mmuntati fuqhom;".

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiġi miżjud dan is-subregolament (3) ġdid li ġej:

"(3) L-esportaturi għandhom mingħajr ebda dewmien mhux dovut u mhux iżjed tard minn ġimgħatejn (2) mid-data tal-esportazzjoni, jirrapporta lid-Direttur billi jissottometti riċevuta tal-kunsinna, li turi li l-esportazzjoni awtorizzata kif hemm fir-regolament 3, tkun saret.".

Jissostitwixxi r-regolament 4A tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 4A tar-regolamenti prinċipali, għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Liċenzja ta' *brokering*.

4A. (1) Qabel ma jagħmlu kwalunkwe attivitajiet ta' *brokering* li jkollhom x'jaqsmu mat-trasferiment ta' xi oġġett elenkat fil-Manwal, il-*brokers* għandhom jippreżentaw applikazzjoni bil-miktub lid-Direttur biex tinħarġilhom liċenzja biex jaġixxu bħala *broker*, filwaqt li jipprovdu fiha kull informazzjoni relevanti mitluba mid-Direttur.

(2) Meta jirċievi applikazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzja biex persuna taġixxi bħala *broker*, id-Direttur għandu jagħmel verifika tal-isfond u għandu jippreżenta l-informazzjoni relevanti lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex dan ikun jista' jagħmel verifika dwar il-passat kriminali tal-applikant:

Iżda fil-każ ta' persuna ġuridika, il-verifika għandha ssir kemm fuq il-persuna ġuridika kemm fuq il-persuna fiżika jew persuni fiżiċi li jkunu qegħdin imexxu l-impriża:

Iżda wkoll minbarra li jsiru l-verifiki tal-isfond mill-Kummissarju tal-Pulizija, id-Direttur jista' wkoll jitlob informazzjoni mingħand entitajiet oħra sabiex jistabbilixxi l-integrità privata u professjonali u l-kapaċitajiet relevanti tal-applikant involut.

(3) Id-Direttur ma għandux joħroġ liċenzja biex persuna taġixxi bħala *broker* jekk jirriżulta li l-applikant ikun instab ħati ta' reat kriminali li fil-fehma tad-Direttur tista' tinċidi fuq l-integrità privata u professjonali tal-applikant u, jew il-kapaċitajiet relevanti tal-applikant:

Iżda fil-każ ta' persuna ġuridika, dan għandu jkun japplika wkoll jekk jirriżulta li l-persuna fiżika jew persuni fiżiċi li jkunu qegħdin imexxu l-impriża jkunu nstabu ħatja ta' reat kriminali bħal dak.

(4) Id-Direttur ma għandu lanqas joħroġ liċenzja biex persuna taġixxi bħala *broker* jekk jirriżulta mill-informazzjoni mogħtija lid-Direttur li jkun hemm proċedimenti kriminali pendenti kontra l-applikant dwar xi reat kriminali li fil-fehma tad-Direttur jista' jinċidi fuq l-integrità privata u professjonali tal-applikant u, jew il-kapaċitajiet relevanti tal-applikant:

Iżda fil-każ ta' persuna ġuridika, dan għandu jkun japplika wkoll jekk jirriżulta li jkun hemm proċedimenti kriminali pendenti kontra l-persuna fiżika jew persuni fiżiċi li jkunu qegħdin imexxu l-impriża dwar reat kriminali bħal dak.".

Iżid regolamenti ġodda mar-regolamenti prinċipali.

5. Minnufih wara r-regolament 4A tar-regolamenti prinċipali, għandhom jiġu miżjuda dawn ir-regolamenti ġodda li ġejjin:

"Attivitajiet ta' *brokering*.

4B. (1) Ħadd ma għandu jagħmel kwalunkwe attivitajiet ta' *brokering* li jkollhom x'jaqsmu mat-trasferiment minn xi pajjiż, inkluża Malta, lejn xi pajjiż ieħor ta' xi oġġett elenkat fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti kemm-il darba:

(a) ma jkollux pussess ta' liċenzja maħruġa mid-Direttur biex jaġixxi bħala *broker*; u

(b) ma tkunx inħarġitlu awtorizzazzjoni mid-Direttur għat-trasferiment ta' dak l-oġġett.

(2) *Brokers* jistgħu jirrifjutaw milli jwettqu xi operazzjoni biex jakkwistaw kolpi sħaħ ta' munizzjon, jew komponenti ta' munizzjon, li huma raġonevolment iqisu li jkunu suspettużi minħabba fix-xorta jew skala tagħhom, u għandhom jirrappurtaw kull attentat ta' operazzjoni bħal dik lid-Direttur.

(3) *Brokers* għandhom mingħajr ebda dewmien mhux dovut u sa mhux iżjed tard minn ġimgħatejn (2) mid-data tat-trasferiment, jirrappurtaw lid-Direttur billi jissottomettu riċevuta ta' kunsinna, li t-trasferiment awtorizzat kif hemm fis-subregolament (1) ikun sar.

Is-sistema ta' arkivjar ta' rekords dwar attivitajiet ta' *brokering*.

4Ċ. (1) Dwar attivitajiet ta' *brokering*, id-Direttur għandu jżomm sistema ta' arkivjar ta' rekords li għandha tirreġistra kull informazzjoni li jkollha x'taqsam ma' armi tan-nar li tinħtieġ sabiex jiġu ttraċċati u identifikati dawk l-armi tan-nar, inklużi:

(a) it-tip, l-għamla, il-mudell, il-kalibru u n-numru tas-serje ta' kull arma tan-nar u l-marka applikata mal-qafas jew mar-riċevitur tagħha bħala l-immarkar uniku skond is-subregolament (1), li għandu jservi bħala l-identifikatur uniku ta' kull arma tan-nar;

(b) in-numru tas-serje jew l-immarkar uniku applikat għall-komponenti essenzjali, meta dak ikun differenti mill-immarkar fuq il-qafas jew ir-riċevitur ta' kull arma tan-nar;

(ċ) l-ismijiet u l-indirizzi tal-fornituri u tal-persuni li jakkwistaw jew li jkollhom fil-pussess tagħhom l-arma tan-nar, flimkien mad-data jew dati relevanti; u

(d) kull konverżjoni jew modifika għal arma tan-nar li twassal għal bidla fil-kategorija jew fis-subkategorija tagħha, inklużi ċ-ċertifikati ta' diżattivazzjoni jew ta' qerda tagħha u d-data jew dati relevanti.

(2) Id-Direttur għandu jiżgura li r-rekord tal-armi tan-nar u tal-komponenti essenzjali, inkluża data personali relatata, għandha tinżamm fis-sistema ta' arkivjar ta' rekords għal perjodu ta' tletin (30) sena wara l-qerda tal-armi tan-nar jew tal-komponenti essenzjali inkwistjoni.

Ir-rekords tal-armi tan-nar u komponenti essenzjali msemmija fis-subregolament (1) u d-data personali relatata għandhom ikunu disponibbli li jkun hemm aċċess għalihom:

(a) mid-Direttur jew mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għal proċedimenti doganali, għal perijodu ta' għaxar (10) snin wara l-qerda tal-arma tan-nar jew tal-komponenti essenzjali inkwistjoni; u

(b) mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għall-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, għal perijodu ta' tletin (30) sena wara l-qerda tal-arma tan-nar jew tal-komponenti essenzjali inkwistjoni.

(3) Id-Direttur għandu jiżgura li d-data personali titħassar mis-sistemi ta' arkivjar tar-rekords hekk kif jiskadu l-perijodi speċifikati fis-subregolament (2). Dan huwa mingħajr preġudizzju għal każijiet fejn d-data personali speċifika tkun ġiet trasferita lil awtorità nazzjonali kompetenti għall-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u jintużaw f'dak il-kuntest speċifiku, jew lil awtoritajiet nazzjonali kompetenti oħra għal skop kompatibbli. F'dawk il-każijiet, l-ipproċessar ta' data bħal dik għandha tiġi regolata mill-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*.".

Kap. 586.

6. In-nota marġinali mar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali, għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

"Żamma ta' rekords u spezzjonijiet dwar esportaturi.".

7. Minnufih wara ir-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiġi miżjud dan ir-regolament 9A ġdid li ġej:

Iżid ir-regolament ġdid 9A mar-regolamenti prinċipali.

"Obbligazzjonijiet ta' żamma ta' rekords dwar *brokers*.

9A. (1) Matul il-perijodu ta' attività tagħhom, il-*brokers* għandhom iżommu reġistru li fih għandhom jiġu reġistrati kull arma tan-nar u kull komponent essenzjali li jiġu riċevuti jew li jitneħħew minnhom, flimkien ma' partikolaritajiet li permezz tagħhom tkun tista' ssir l-identifikazzjoni u lit-traċċar tal-arma tan-nar jew tal-komponent essenzjali kkonċernat, b'mod partikolari t-tip, l-għamla, il-mudell, il-kalibru u n-numru tas-serje inkwistjoni u l-ismijiet u l-indirizzi tal-fornituri u tal-persuni li jakkwistawhom.

(2) Meta jieqfu mill-attivitajiet tagħhom, il-*brokers* għandhom jagħtu dak ir-reġistru lid-Direttur.".

B 1338

Jissostitwixxi l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

8. L-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"L-EWWEL SKEDA
(Regolamenti 2, 3, 4 u 4B)

Il-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea, adottata mill-Kunsill fit-18 ta' Frar 2019 (tagħmir kopert mill-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari) (li taġġorna u tissostitwixxi l-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea adottata mill-Kunsill fis-26 ta' Frar 2018) hija applikabbli fl-intier tagħha bħala l-Ewwel Skeda ta' dawn ir-regolamenti.".